MALTA

# QORTI TA' L-APPELL
**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2014
Appell Civili Numru. 257/2011/1

**Daniela Mizzi**

**v.**

**Duncan Peter Mizzi**

## Preliminari

1. Dan hu appell maghmul mill-konvenut appellant minn sentenza parzjali moghtija fit-22 ta’ Jannar 2013 mill-Qorti Civili [Sezzjoni Familja] li permezz taghha dik il-Qorti laqghet it-talba tal-attrici appellata billi fit-termini tal-Artikolu 55 tal-Kodici Civili ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, konjugi Mizzi, u kif ukoll ordnat in-

notifika ta’ din l-ordni lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, a spejjez tal-attrici.

2. Fir-rikors tal-appell tieghu l-appellant talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata, u minflok, tichad it-talba tal-appellata ghal-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, bl-ispejjez kontra taghha.

3. Fir-risposta taghha l-appellata, ghar-ragunijiet hemm indikati talbet ic-cahda tal-appell u l-konferma tas-sentenza, kif ukoll talbet l-applikazzjoni kontra l-appellant tal-Artikolu 233[4] tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili peress li l-appell odjern huwa kjarament frivolu, u vessatorju fil-konfront tal-appellata.

**<u>Mertu</u>**

4. B’rikors prezentat mill-appellata fl-10 ta’ Lulju 2012[1] fil-mori tal-proceduri ta’ separazzjoni personali pendenti bejn il-partijiet, dina talbet sabiex l-Qorti tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti skont l-Artikolu 55 fuq citat. Min-naha tieghu l-appellant oppona ghal din it-talba u ressaq diversi ragunijiet li fuqha sejjes l-oppozizzjoni tieghu.

[1] Jigi osservat li fil-fatt l-ewwel talba ghall-waqfien kienet saret b’rikors tad-9 ta’ Dicembru 2011 [fol. 23] fl-istadju inizjali tal-proceduri.

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

5. L-ewwel Qorti laqghet it-talba tal-appellata wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> “Is-sub-inciz 4 tal-Artikolu 55 fuq citat jistipula li qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni ta’ konjugi, l-qorti ghandha tevalwa jekk xi parti tkunx sejra tbati pregudizzju mhux proporzjonat bil-fatt ta’ tali waqfien waqt il-kawza.
>
> “L-oggezzjoni principali tal-konvenut ghar-rikors tal-attrici hi fis-sens li l-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti ghada ma gietx stabbilita’ fl-intier taghha u li jekk tali ezercizzju ma jsirx qabel tinghata s-sentenza *in parte* huwa jbati pregudizzju serju in kwantu jkun hemm ir-riskju li l-assi appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti jigu konfuzi mal-proprjeta` parafernali tal-attrici.
>
> “Fil-fehma tal-Qorti dan l-ilment ma hux gustifikat in kwantu l-konvenut kellu ghad-disposizzjoni rimedji kawtelatorji sabiex jilqa’ ghall-preokkupazzjoni tieghu.
>
> “Il-konvenut qed joggezzjoni wkoll ghar-raguni li jekk tinghata sentenza *in parte* f’dan l-istadju hemm il-possibilita’ li wara l-attrici ccedi l-kawza. Din fil-fehma tal-Qorti ma hiex raguni sabiex il-Qorti ma tordnax il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti. Il-ligi stess tipprospetta tali eventwalita’ tant li skont l-Artikolu 55 tal-Kapitolu 16 sub-inciz 3 l-ordni ta’ waqfien tkun tghodd bejn il-mizzewgin minn dakinhar tas-sentenza ta’ l-appell jew, jekk ma jsirx appell, minn dakinhar illi jghaddi z-zmien imholli ghall-appell u tibqa’ tghodd ukoll jekk il-kawza ta’ firda ma titkompliex.
>
> “Il-Qorti ma qed tara l-ebda htiega li l-komunjoni tal-akkwisti tibqa’ in vigre millum ‘il quddiem.
>
> “Ezami tal-Artikolu 55 juri illi mhux kull pregudizzju li tista’ tivvanta xi parti b’opposizzjoni ghal sentenza *in parte* ghall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jikkwalifika bhala ostakolu ghall-pronunzja ta’ tali sentenza. Is-sub-inciz 4 tal-Artikolu 55 jipprovdi illi l-Qorti ghandha tippronunzja l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti qabel is-sentenza finali kemm-il darba xi parti ma tkunx ser tbati “pregudizzju mhux proporzjonat”.

> "Il-konvenut jilmenta dwar il-mod kif il-kumpanija li kienet giet inkorporata qabel ma l-partijiet izzewgu qed tigi gestita mill-attrici. Jidher li l-konvenut ma hux azzjonist ta' din il-kumpanija.
>
> "Il-konvenut jilmenta wkoll li l-attrici ma hiex qed tippermetti lill-konvenut zewgha jippartecipa fil-gid tal-kumpanija u cioe` fir-rigward tas-salarju u dividends li tircevi l-attrici kif ukoll perkacci ohra. Il-konvenut jiddeskrivi l-ghoti ta' sentenza *in parte* kif mitlub bhala "approvazzjoni gudizzjarja lill-agir altrimenti illegali". Il-Qorti ma taqbilx ma dan ir-ragunament. Fir-rikors promotur tad-19 ta' Awissu 2011 l-attrici qed tablet *inter alia* li l-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali *a mensa e thoro* bejn il-kontendenti u li tigi likwidata u xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet. Fir-risposta tieghu tal-5 ta' Ottubru 2011 il-konvenut qabel li ghandha tigi dikjara s-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet u ma jopponiex li l-komunjoni tal-akkwisti tigi xolta. M'hemmx qbil bejn il-partijiet dwar ir-ragunijiet li wassal ghat-tifrik taz-zwieg ta' bejniethom u lanqas hemm qbil dwar il-konsistenza tal-assi appartenenti l-gid komuni ta' bejniethom.
>
> "Pero' fil-fehma tal-Qorti l-ilmenti tal-konvenut ma jammontawx ghall-"pregudizzju mhux proporzjonat".

## **<u>L-Appell</u>**

6. L-aggravju tal-appellant huwa maqsum fi tlett partijiet: [1] li bil-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti f'dak l-istadju huwa ser isofri zvantagg ekonomiku kbir; [2] li l-kuncett ta' pregudizzju koncepit fis-sub-inciz 4 ghandu jigi applikat fl-aktar mod ampju, u [3] li peress li t-talba ghall-waqfien tal-komunjoni saret *in limine litis*, il-Qorti tat id-decizjoni taghha meta ma kienitx ghadha semghet il-provi kollha fir-rigward.

7. Fis-succint jinghad li l-appellata rrispondiet ghal dan l-aggravju hekk: li l-appellant ma specifikax kif il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti

kien ser johloqlu pregudizzju sproporzjonat; li l-unici assi tal-komuni tal-partijiet huma d-dar u l-vettura, li kienu gew akkwistati mill-partijiet qabel iz-zwieg; li l-ishma tal-kumpanija Incosta Events Limited huma proprjeta` parafernali taghha in kwantu ghal nofs filwaqt li n-nofs l-iehor jappartjeni lil terzi; li llum il-kumpanija hija fi stat ta’ falliment u ma tiggenerax introjtu ghax lanqas ghadha topera, u ghalhekk, it-terminazzjoni tal-komunjoni fir-rigward tal-kumpanija m’hu ser johloq ebda pregudizzju lill-appellant, kif mhux ser jkun ta’ vantagg finanzjarju ghall-appellata; li, ghalkemm l-appellant kellu mpieg ta’ *Finanance Manager*, wara s-separazzjoni *de facto* ghazel li ma jahdimx, u ghalhekk l-appellata ghandha suspett fondat li dan qed jaghmel dejn minghajr il-kunsens taghha bir-rizultat li fil-kaz li l-komunjoni tkun ghadha ezistenti hija tkun kostretta li taghmel tajjeb ghal dan id-dejn mill-fondi li hija tippercepixxi unikament bil-hidma taghha.

8. Hija tibbaza is-suspett taghha li zewgha qed jaghmel id-djun *ad insaputa* taghha fuq dak allegat mill-istess appellant fir-rikors tieghu, u cioe` li *“ghadu ma jahdimx u ghal diversi xhur kien qieghed ibati mill-kontrokolp psikologiku”* rizultat tal-fatt li fi ftit gimghat huwa kien tilef ix-xoghol tieghu, tkisser iz-zwieg tieghu u li l-appellata ghamlitlu hajtu difficli b’diversi rapporti lill-pulizija li minnhom gie eventwalment liberat.

**<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>**

9. In tema legali jinghad li l-Artikolu 55 tal-Kap.16 li fuqha hija bazata t-talba attrici, jaghti fakolta` lil parti jew ohra li *"f'kull zmien"* matul is-smigh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi.

10. Imbaghad fis-sub-inciz 4 l-istess artikolu jghid:

> "Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti ghandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati pregudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda."

11. Minn dan jirrizulta li t-talba ghall-waqfien m'ghandhiex tinghata jekk parti tkun ser issofri "pregudizzju mhux proporzjonat". Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skont il-principju *incumbit ei qui dicit non ei qui negat.*

12. Fil-mertu jidher li l-konvenut qed jibbaza l-oggezzjoni tieghu fuq ir-raguni principali li l-ordni tal-waqfien tikkrejalu zvantagg ekonomiku kbir, stante li l-uniku dhul tieghu gej mill-introjtu tal-kumpanija fuq indikata. Hu jillmenta mill-fatt li l-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha meta ma kienux ghadhom instemghu l-provi kollha dwar il-konsistenza tal-assi tal-komunjoni.

13. Din il-Qorti tosserva li s-sottomissjoni da parti tal-konvenut li fl-applikazzjoni tas-sub-inciz 4 il-Qorti ghandha tinterpreta *"b'mod l-aktar ampju"* il-frazi "pregudizzju mhux proporzjonat" hija legalment insostenibbli u hija kontraddetta mill-istess dicitura uzata mill-legislatur f'din il-parti tal-ligi. Dak li ried il-legislatur, u allura dak li jghid dan is-sub inciz, huwa li mhux kull pregudizzju ghandu jservi ta' ostakolu sabiex tintlaqa' t-talba skont l-Artikolu 55, izda jehtieg li l-pregudizzju jkun tali li jikwalifika bhala sproporzjonat. *Quod lex voluit lex dixit*, u ghalhekk mhux legalment konsentit li l-ligi tigi interpretata jew applikata b'mod li tmur kontra t-termini espressi taghha.

14. Fil-kaz in dizamina, l-ilment tal-konvenut huwa li dan gie eskluz, kemm mill-gestjoni tal-kumpanija, kif ukoll milli jippartecipa fl-introjtu taghha.

15. Fir-rigward huma opportuni s-segwenti konsiderazzjonijiet.

16. Li l-imsemmija kumpanija hija proprjeta` parafernali tal-attrici f'nofs indiviz ma' terzi, u l-konvenut m'ghandux sehem minnha. Ghalhekk huwa biss l-introjtu taghha li jidhol fil-komunjoni tal-akkwisti b'mod li allura l-konvenut jibbenefika minn nofs dan l-introjtu.

17. Li l-attrici ghamlet wahedha u bil-hidma taghha biss diversi pagamenti, uhud minnhom sostanzjali, sabiex tirriduci d-djun mal-Bank,

tal-kumpanija u tal-*home loan*, u wkoll kienet kostretta li tidhol f'*repayment programe* gdid dwar il-modalita` tal-hlas peress li l-pagamenti kienu qed isiru bil-hidma taghha biss. Fil-frattemp, il-konvenut li kien jiehu hsieb il-kotba tal-kumpanija, waqaf jahdem f'Ottubru 2009 mas-separazzjoni *de facto* u ghalhekk il-piz kollu tal-hlas tad-djun waqa' fuq l-attrici.

18. Li l-attrici kienet kostretta li tirrizenja minn direttur tal-kumpanija[2], u tghid li llum din qeghdha fi stat ta' falliment u m'ghadhiex topera.

19. Li fic-cirkostanzi kif irrizultaw s'issa l-biza' tal-attrici li l-konvenut, li waqaf jahdem, jaghmel xi djun li jkunu a kariku tal-komunjoni ma tistax tigi injorata, tenut kont ukoll tal-animozita` li tezisti bejn il-partijiet.

20. Li l-ewwel Qorti fid-decizjoni taghha strahet fuq il-provi mressqa f'dan l-istadju, inkluzi n-noti guramentati prezentati mill-partijiet u li jindikaw l-assi tal-partijiet, inkluzi l-pretensjonijet taghhom, u ghalhekk kien hemm provi sufficjenti sabiex il-Qorti tasal ghad-decizjoni taghha.

21. Illi ghalkemm il-konvenut isostni li, rizultat tas-separazzjoni u tal-agir tal-attrici fil-konfront tieghu, hu qed isofri minn *"kontrokolp psikologiku"* huwa ma ressaqx provi li juru li verament ibati minn

[2] Fol. 173.

kondizzjoni li tostakolah milli jahdem, u jiggenera introjtu ghal-ghixien tieghu.

22. Inoltre, mid-dokumenti prezentati mir-rapprezentanti tal-ETC fis-16 ta' Lulju 2012 jirrizulta li l-konvenut huwa mharreg fis-suq finanzjarju, tant li fl-*employment history sheet* tieghu hemm indikat li fis-snin 1995 'il quddiem huwa kien jahdem bhala awditur, komputista u *finance manager*, u ghalhekk, jidher li ghandu kwalifiki bizzejjed sabiex jahdem u jiggenera introjtu adegwat, jew tajjeb, ghall-ghixien tieghu, u m'ghandux ghalfejn jistrieh fuq l-introjtu li tiggenera l-attrici bil-hidma taghha biss. Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti il-"pregudizzju mhux proporzjonat" allegat mill-konvenut ma jirrizultax provat.

23. In vista tal-premess, din il-Qorti hi tal-fehema li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament korrett tal-provi meta waslet ghall-konkluzjoni li l-konvenut ma kienx ser isofri pregudizzju mhux proporzjonat u ghalhekk laqghet it-talba attrici ghall-waqfien tal-komunjoni. Apprezzament dan, li din il-Qorti hi tal-fehema li m'ghandhiex tiddisturba.

24. Inoltre jigi osservat li l-ligi taghti l-fakolta` lil parti li titlob ghall-waqfien tal-komunjoni *"f'kull zmien"* tal-kawza, u ghalhekk anke fl-istadju inizjali tal-proceduri meta l-provi ma jkunux ghadhom instemghu, izda dan ma jimpedix lill-parti li tkun ghamlet it-talba jew li tkun allegat

“pregudizzju mhux proporzjonat” milli titlob lill-Qorti sabiex jinstemghu provi dwar it-talba maghmula.

25. Fil-kaz odjern tali talba ma saritx. Inoltre, kif jirrizulta mill-atti processwali qabel ma l-ewwel Qorti tat is-sentenza appellata lahqu instemghu diversi xhieda dwar l-aspett patrimonjali tal-kawza b’mod li dik il-Qorti kellha provi sufficjenti sabiex tiddeciedi dwar it-talba ghall-waqfien tal-komunjoni. Ghalhekk l-ewwel Qorti kienet legalment korretta li tiddeciedi fuq it-talba wara li hadet konjizzjoni tal-provi akkwiziti sa dak l-istadju.

26.Ghaldaqstant l-aggravju tal-appellant huwa infondat.

**<u>Decide</u>**

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ikunu a kariku tal-appellant.

Fic-cirkostanzi l-Qorti ma thossx li huwa l-kaz li jigi applikat l-Artikolu 233[4] tal-Kap. 12.

**< Sentenza Finali >**

----------------------------------TMIEM----------------------------------